MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2012

Numru. 873/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ramon Mercieca)**

**Vs**

**Stephen Ciangura ta’ 35 sena, bin Alfred u Theresa nee’ Muscat, imwieled l-Imtarfa nhar it-23 ta’ Frar 1977 u residenti gewwa fond bl-isem ta’ “Joile Fleur”, Triq Santa Barbara, Sqaq no.1, Rabat (Malta), detentur tal-karta ta’l-identita’ bin-numru 104377(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Stephen Ciangura li permezz taghha huwa gie akkuzat talli ghal habta ta’ xi l-02:30hrs ta’ nhar il-15 ta’ Awwissu 2009 gewwa Gianpula, limiti tar-Rabat (Malta):-

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li iqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fil-gisem jew fis-sahha ta' Rene Brincat, liema hsara tista' tikkaguna debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew iggib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem jew inkella marda permanenti tal-mohh, u dana bi ksur ta'l-artikoli 214, 216 u 218 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. U aktar talli fl-istess perijodu ta' zmien u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer, bhala ufficjal pubbliku, ikkometta reat li huwa bhala ufficjal pubbliku kellu id-dmir jissorvelja li ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxu milli isehh u dana bi ksur ta'l-artikolu 141 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli tal-ligi indikati fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tas-16 ta' Awwissu 2010.

Semghet lill-imputat jiddikjara illi huwa ma ghandux oggezzjoni illi dana il-kaz jigi trattat u deciz minn dina l-Qorti bil-procedura sommarja.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi minn qari tan-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali, jirrizulta illi l-uniku reat li qed jigi addebitat lill-imputat huwa dak tal-offiza volontarja.[1] F'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali, il-Pulizija vs Emanuel Zammit, deciza fit-30 ta' Marzu 1998, gie deciz:

"Il-ligi taghna, ghall-fini tar-reat ta' offiza volontarja fuq il-persuna, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed

[1] Illi n-nota ta' rinviju ghal gudizzju ma tindikax l-akkuza a tenur ta'l-artikolu 141 tal-Kapitolu 9 kif indikat fit-tieni akkuza.

jaghmel hsara. Jekk l-intenzjoni ta'l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hi zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid iwiegeb ghal konsegwenzi kollha li effetivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta'l-ghemil tieghu" Il-Professur Mamo ighid: ***"To constitute the crime of willful bodily harm, the injury must have been caused intentionally. But the intention required is merely the animus nocendi, the generic intent to cause harm, without requiring necessarily the actual intention to do the particular kind of bodily harm which, in fact, ensues."***

Mill-provi akkwiziti johrog illi l-imputat huwa impjegat bhal manager mal-Executive Security Services, kumpanija li toffri servizzi ta' sigurta fi stabbilimenti gewwa Malta. Dina l-kumpanija hija intestata f'isem omm l-imputat, Theresa Ciangura. Fil-lejla in kwistjoni dina l-kumpanija kienet qed toffri servizz ta' sigurta gewwa d-diskoteka Gianpula. Fl-istabbiliment kien hemm diversi *security guards* ghassa mal-postijiet ta' dhul u hrug kif ukoll vicin il-bars. Wiehed minn dawn il-membri ta' sigurta kien hu l-imputat Trevor Ciangura. L-imputat f'xi hin ukoll wasal fid-diskoteka u beda jissorvelja sabiex jara illi kulhadd kien f'postu u ix-xoghol kien qieghed isir. Hu l-imputat Trevor Ciangura kien jinsab vicin il-bar bin-numru wiehed. Hdejh kien hemm membru tas-sigurta iehor bl-isem ta' Sandro Ghio. Ghal habta ta' nofs il-lejl wasslu l-parti leza Rene' Brincat flimkien ma' shabu Raffaello Bonello u Darren Busuttil. Jidher illi dawn intefghu vicin il-bar numru wiehed izda ma bagqhux vicin xulxin peress illi kienu qed ikelmu xi hbieb ohra taghhom. Minn hawn 'il quddiem ma hemmx qbil bejn il-partijiet dwar x'sehh ezattament, izda jidher illi kien hemm xi membru tas-sigurta li haseb illi Brincat kien qed jaghmel il-bzonnijiet naturali tieghu mal-bar. Brincat jichad illi kien qed jaghmel dan u ighid illi huwa dahhal idejh fil-but sabiex igib il-flus halli ihallas. F'dana il-mument huwa gie avvicinat minn membru tas-sigurta li skond Brincat hebb ghalih. Brincat ighid illi huwa irritalja billi ipprova izommu 'il boghod minnu b'idejh, izda zelaq. F'hin minnhom gew membri ohra tas-sigurta, qamet konfuzjoni shiha u dawn spiccaw tefghuh 'il barra mill-istabbiliment mill-bieb tal-entratura fost hafna ghajjat u daqqiet. Ighid illi

wiehed minn dawn il-membri tas-sigurta qabadlu rasu bejn idejh, gholla irkobbtejh u tah daqqa fuq ix-xedqa bil-konsegwenza illi huwa sofra griehi serji f'halqu. Ighid illi hekk kif hareg huwa mar jistrieh ma' cint u beda ilahlah halqu b'flixkun tal-vodka li sab hemm peress ili kien mugugh u beda hiereg hafna demm. Ftit wara wasslu shabu hdejh li indunaw li kien ferut u haduh lejn l-isptar. Rene' Brincat fix-xhieda tieghu ighid illi huwa gharaf il-persuna li tah id-daqqa b'irkobbtu fuq halqu bhala il-persuna ta'l-imputat.

L-imputat minn naha tieghu jichad kategorikament illi huwa refa' idejh fuq Brincat. Ighid illi meta Brincat hareg mill-istabbiliment huwa ma kellu l-ebda griehi izda kien f'sakra kbira li lanqas kien jiflah jimxi. Il-membri tas-sigurta l-ohra li kienu xoghol dak in-nhar ukoll jichdu illi huma refghu idejhom fuq Brincat jew li huwa kellu xi griehi. L-imputat ghalhekk jikkontendi illi Brincat waqa' wara li huma harrguh u dana minhabba fl-istat ta' sokor li kien fih u li kien minhabba f'din ir-raguni illi sofra il-griehi rapportati.

Jidher izda, illi il-hbieb ta' Brincat, Bonello u Busuttil, dak in-nhar stess fil-ghaxija regghu marru Gianpula, peress illi ighidu li kien hemm party iehor, fejn hemmhekk regghu sabu lil-imputat li kien ukoll xoghol bhal lejla ta' qabel. Ighidu illi f'hin minnhom huwa avvicinhom minghajr ma kellmuh u staqsiehom kif kien baqa' sehibhom Rene' Brincat. Huma infurmawh illi Brincat kien wegga' u li kien rikoverat l-isptar.

Ikkunsidrat,

Illi l-Qorti mal-ewwel tistqarr illi ghalkemm l-imputat u shabu il-kollegi tieghu jichdu illi f'xi hin ikkagunaw xi griehi fuq il-persuna ta' Rene' Brincat, hija ma temminhomx. Illi huwa fatt mhux ikontestat illi f'dik il-ghodwa, Brincat telaq minn Gianpula isofri minn griehi serji f'halqu. Fil-fatt jidher minn dak li ighidu il-hbieb ta' Brincat illi huwa kellu halqu kollu demm u lanqas seta' jitkellem. B'konsegwenza ta' dan, xi jiem wara Brincat kellu jigi operat minhabba ksur fix-xedaq, saritlu *metal plate* li ghada inserita f'halqu sal-

lum. Illi bil-fors illi ferita gravi bhal ksur fix-xedaq setghet tirrizulta biss b'rizultat ta' xi daqqa qawwija. Illi ix-xhieda li jistghu jitfghu dawl fuq dak li seta' gara huma ovvjament il-parti leza stess u il-membri tas-sigurta' li kienu qed jakkumpanjawh barra mill-istabbiliment. Raffaello Bonello u Darren Busuttil, ghalkemm indunaw illi kien hemm konfrontazzjoni bejn sehibhom u membru tas-sigurta, madanakollu, ma setghux jaraw x'kien qed jigri ghaliex inqalghet kommozzjoni shiha, b'tgegwigija ta nies involuta tant illi dan wassal sabiex huma tbieghdu minn Brincat u ma setghux jilhquh bl-ebda mod. Indunaw illi Brincat kien qed jigi eskortat 'il barra u ippruvaw johorgu huma stess sabiex jaraw x'kien gralu il-habib taghhom. Ezatt kif harrgu barra u ghalhekk ftit minuti wara sabu lil habib taghhom bil-griehi f' halqu. L-imputat u shabu jikkontendu illi Brincat ma kellu l-ebda griehi sal-mument illi wassluh sal-bieb u telquh. Illi dina it-tezi ma taghmilx sens u dana ghas-segwenti ragunijiet.

1. Mic-certifikat mediku esebiet in atti, kif ukoll mix-xhieda tat-tabib Dr. Jurgen Gatt jidher illi Brincat kellu biss il-ksur fix-xedaq, u cioe' il-griehi f'halqu u xi tbengil fuq iz-zewg nahat ta' naghsu.[2] (*bruises over both sides of the temple*). Jidher illi Brincat ma kellu l-ebda griehi fuq xi partijiet ohra ta' gismu, per ezempju f'saqajh, f'idejh jew fuq il-parti frontali tieghu. Dana ghalhekk huwa inkompatibbli ma' dak li jallega l-imputat illi Brincat kien f'sakra kbira u li seta' waqa'. Kieku stess dana kien minnu certament it-tabib kien jirriskontra feriti ohra u mhux biss dik tax-xedaq u t-tbengil f'naghsu li x'aktarx irrizultaw minhabba d-daqqa kbira li huwa qala' taht halqu f'dak imsejjah *temporomanibular muscle*. Illi fil-fatt l-espert mediko-legali Dr. Mario Scerri jikkonkludi illi dina l-fattura hija kompattibbli ma' trawma vjolenti fejn l-effetti taghha x'aktarx jibqghu permanenti.[3]

2. Illi x-xhieda imressqa mill-imputat stess kollha jiskreditaw it-tejorija tieghu illi Brincat waqa' wara li hareg barra. Ibda biex l-ebda persuna li kienet fejn l-entratura

[2] Ara xhieda ta' Dr. Jurgen Gatt a fol. 59 u certikat mediku Dokument RM1 a fol.14
[3] Ara rapport ta' Dr. Mario Scerri a fol.63 et.seq.

jew barra ma ighidu li raw lil Brincat jaqa' u iwegga'. Ix-xhud Nobert Ciantar li kien *security* hdejn il-bieb minn fejn inhareg Brincat ighid illi lil Brincat rah fi stat normali u ma kienx jidher illi kien fis-sakra[4]. Inoltre ghalkemm Trevor Ciangura u Sandro Ghio ighidu li harrguh huma 'il barra lil Brincat billi ghollewh minn taht spallejh, l-imputat ighid illi Brincat hareg wahdu u tant kien fis-sakra li beda jghotor. Dana fl-ebda hin ma ighiduh Trevor Ciangura u Sandro Ghio.

3. Illi fil-fatt kemm Trevor Ciangura kif ukoll Sandro Ghio jikkontendu illi kienu huma li harrgu lil Rene Brincat 'il barra. Fl-ebda hin ma isemmu illi l-imputat kien maghhom, anzi ighidu illi f'dina l-istorja l-imputat ma kienx involut u lanqas biss rawh.[5] L-imputat ma ighidx hekk. Huwa jikkontendi illi f'hin minnhom sema' lil huh jitlob ghal "*back up"* fuq ir-radju u hu mar vicin il-bar numru wiehed fejn hemmhekk sab lil Brincat qed jilletika ma' huh u ma' Sandro Ghio.[6] Ighid illi huwa kien hemm meta gie eskortat 'il barra tant illi ighid illi Brincat kien f'sakra kbira u lanqas kien jiflah jimxi dritt.

4. Illi kemm Raffaello Bonello kif ukoll Darren Busuttil jikkonfermaw illi huma harrgu barra immedjatament kif raw lil sehibhom jinhareg 'il barra mill-membri tas-sigurta' u sabuh ferut tant illi wiehed minnhom rega' dahal igiblu flixkun ilma biex ilahlah halqu. Ighidu illi Brincat kien qieghed jistrieh ma' cint u fl-ebda hin ma jirrimarkaw illi sehibhom kien jidher li kien ghadu kemm waqa', jew li kien hemm xi indikazzjoni illi dan seta' waqa' u wegga'. Josservaw biss id-demm ma' halqu u xejn izjed.

5. Illi meta jirrilaxxja l-istqarrija tieghu, l-imputat fl-ebda hin ma isemmi lil membri tas-sigurta l-ohra u cioe' lil huh u lil Sandro Ghio.[7]

6. L-imputat jistqasi lil Bonello u Busuttil, aktar tard fil-ghaxija waqt party iehor, dwar sehibhom Rene' Brincat.

---

[4] Ara xhieda ta'  Norbert Ciantar a fol.160

[5] Ara xhieda ta' Trevor Ciangura a fol.167 u Sandro Ghio a fol.177 u 178

[6] Ara xhieda ta' Stephen Ciangura a fol.128.

[7] Ara stqarrija Dokument RM2 a fol.15 u 16

Dana ifisser allura illi l-imputat kien jaf illi Brincat kien gralu xi haga u avvicina lil dawn it-tnejn minn nies biex jivverfika jekk kienx hemm xi konsegwenzi ghal dak li kien sehh. Fix-xhieda tieghu l-imputat ighid illi huwa kellem lil dawn it-tnejn minn nies u staqsiehom dwar Brincat peress illi kien ra lil Brincat fis-sakra. Illi dina l-asserzjoni hija ghal kollox inverosimili. Il-Qorti hija tal-fehma illi fin-natura tax-xoghol tieghu, l-imputat jiffaccja ta' spiss nies illi ikunu fis-sakra u certament ma joqghodx jaghmel *enquiries* dwarhom wara! M'hemmx dubbju ghalhekk illi huwa kellu l-biza illi Brincat kien imwegga' u ried jara jekk kienx sofra xi griehi. Kien minhabba f'dina r-raguni illi huwa avvicina lil Darren Busuttil u Raffaello Bonello u xejn iktar.

Illi dana kollu ghalhekk iwassal lil Qorti ghal konvinzjoni morali illi Rene' Brincat sefa midrub minhabba agressjoni li sofra minn membru tas-sigurta filwaqt illi huwa kien qieghed jigi skortat 'il barra mill-istabbiliment ta' Gianpula.

Ikkunsidrat,

Il-Qorti issa trid tghaddi sabiex tara jekk hemmx provi bizzejjed li jindikaw illi kien l-imputat li ikkaguna dawn il-griehi. Illi huwa fatt mhux ikkontestat illi kien hemm diversi membri tas-sigurta involuti f'dana l-incident u mhux biss l-imputat. Illi apparti l-imputat, kien hemm ukoll involuti Trevor Ciangura u Sandro Ghio. Illi l-ebda wiehed minn dawn it-tlieta minn nies ma jammettu illi f'xi hin refghu idejhom fuq Brincat. Illi kif diga inghad *supra*, dana huwa ghal kollox inverosimili billi indubbjament il-griehi ta' Brincat gew ikkagunati minn xi hadd tas-sigurta'. Di piu' Darren Busuttil u Raffaello Bonello ma setghux jaraw mill-posizzjoni fejn kienu minn kien il-membru tas-sigurta li mieghu sehibhom kellu konfrontazzjoni jew minn kien qed jeskortah 'il barra. Ghalhekk huwa biss l-parti leza, Rene Brincat, li jaghraf lill-aggressur tieghu bhala Stephen Ciangura, l-imputat.

Illi r-regoli imfassla fil-kawza R vs Turnbull fl-Ingilterra, ghalkemm ma jikkostitwixxu l-ebda regola taht il-ligi Maltija, madanakollu huma linji gwida fil-kaz ta'l-identifikazzjoni tal-persuna akkuzata. Illi dana gie ukoll

sottolinjat f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Stephen Zammit (deciza 16 ta' Lulju 1998) fejn il-Qorti tat esposizzjoni tar-regoli Turnbull fid-decizjoni taghha:

***"First, whenever the case against an accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.***

***Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance? If in any case, whether it is being dealt with summarily or on indictment, the prosecution have reason to believe that there is such a material discrepancy they should supply the accused or his legal advisers with particulars of the description the police were first given. In all cases if the accused asks to be given particulars of such descriptions, the prosecution should supply them. Finally, he should***

***remind the jury of any specific weaknesses which had appeared in the identification evidence.***

***Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made.***

***All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger*.”**

Illi l-parti leza tikkontendi illi lill-imputat huwa kien jafu di vista minn xi parties ohra li kien attenda fejn Ciangura kien ukoll qed joffri is-servizzi tieghu bhala membru tas-sigurta’ u ghalhekk jafu anke b’ismu. Ighid illi jaf illi l-imputat kien jahdem ma’ kumpaniji ohra tas-sigurta’ fejn isemmi il-kumpanija ta’ wiehed maghruf bhala “il-Lupu”, li aktar tard mill-provi migjuba mid-difiza jirrizulta li jismu Joseph Attard u li mieghu l-imputat kien imexxi kumpanija bi shab. Isemmi okkazzjoni partikolari fejn kugin tieghu, certu Malcolm Falzon, kien organizza xi diskoteka gewwa r-Ramla u l-imputat kien membru tas-sigurta’ flimkien ma’ dal-Lupu.[8] Ikompli illi kien biss wara illi sar jaf illi kunjomu kien Ciangura. Illi ghalhekk il-parti leza isostni illi huwa kien jaf lill-imputat qabel l-incident u kien jaf li jismu Stephen ghalkemm seta ma kienx jaf kunjomu.

Illi r-rapport ta’l-incident isir minn missier l-parti leza, Anthony Brincat fis-17 ta’ Awwissu 2009 u cioe jumejn wara l-incident fejn huwa jirraporta illi ibnu kien gie aggredit mis-securities ta’l-istabbiliment ta’ Gianpula. Ma jindikax min huma dawn is-securities. Il-PS518 Anthony De Giovanni imur l-isptar fejn hemmhekk ikellem lil Rene’ Brincat. Brincat ighid illi huwa gie avvicinat minn *security guard* meta dan hassbu li qed jaghmel il-bzonnijiet tieghu mal-bar, wara gew xi tmien *securities* ohra li bdew

[8] Ara xhieda ta’ Rene’ Brincat in kontro-ezami a fol.111 et. seq.

isawwtuh u imbuttawh ‘il barra fejn hemmhekk “**xi wiehed minn dawn is-securities fajjar daqqa ta’ rkoppa fuq geddumu**.” Fir-rapport hemm imbaghad indikat illi **“Rene kompla li xi hadd minn shabu kien cempillu l-ghada fejn huma regghu marru fl-istess stabbiliment u gharfu lil min ta d-daqqa lil Rene u dan l-istess security staqsiehom jekk hux kollox sew u saqsa wkoll ghal Rene fejn dawn qalulu li jinstab l-isptar minhabba griehi li garrab.**”[9] Fl-ebda hin ma jidher illi Rene’ Brincat ighid lis-surgent illi s-security guard li sawwtu kien l-imputat jew wiehed bl-isem Stephen. Dana jikkonfermah is-surgent De Giovanni meta jixhed. Fil-fatt jidher illi Brincat ighid lill-pulizija li l-persuna li wegghatu kien Stephen Ciangura minn dak li ighidulu shabu Darren Busuttil u Raffaello Bonello meta jinfurmawh illi Ciangura kien kellimhom aktar tard fil-ghaxija u staqsiehom ghalih. Busuttil u Bonello madanakollu isostnu mal-pulizija, kif jixhdu ukoll fil-qorti illi lil Stephen Ciangura ma rawhx qed isawwat lil Brincat peress illi minn fejn kienu ma setghux jarawh.[10]

Illi fl-20 ta’ Awwissu Brincat jigi rilaxxjat mill-isptar u fit-23 ta’ Awwissu huwa jigi mitkellem mill-ispettur Ramon Mercieca, l-ufficjal prosekutur. Hawnhekk ghall-ewwel darba jindika lill-imputat bhala il-persuna li wegghu. Huwa jaghti deskrizzjoni ta’ dina l-persuna li, skond dak li ighid l-ufficjal prosekutur fix-xhieda tieghu, kienet taqbel mad-deskrizzjoni tal-persuna ta’l-imputat. Hawnhekk Rene’ Brincat ighid lill-ispettur illi lil Stephen Ciangura kien jafu ghaliex kien gieli rah f’parties ohra.[11]

Rene’ Brincat jixhed fis-seduta tal-11 ta’ Novembru 2009 fejn isostni illi huwa kien kellem lill-imputat u beda jiskuza ruhu mieghu u ighidlu li kien ser jitlaq ‘il barra bil-kwiet izda isostni illi hawn l-imputat qabbdu minn rasu u tah daqqa b’irkopptu taht geddumu. Isostni illi huwa gharaf lil Ciangura peress illi huwa gie ezatt quddiem wiccu qabel ma tah id-daqqa. Huwa ighid: “**Jien lil Stephen Ciangura qabel din l-okkazzjoni ma kontx nafu. Nghid illi gieli**

---

[9] Ara rapport a fols. 19 u 20.

[10] Ara xhieda tas-surgent De Giovanni a fol.46 et. seq.

[11] Ara xhied ata’l-Ispettur Ramon Mercieca a fol.9 et. seq.

**rajtu go discos u naf li huwa security guard. Nghid illi dawn in-nies illi hebbew ghalija naf illi huma security guards ghaliex ghandhom it-tabella u ghandhom ukoll l-uniformi tal-kumpanija. F'dak il-mument nghid illi ma nafx min kien hemm madwari, lanqas naf fejn kienu shabi ghax inqalghet konfuzjoni shiha u nghid illi kollha daru ghalija**.[12]" Rene' Brincat jerga' jixhed in kontro-ezami is-seduta tas-17 ta' Jannar 2010 fejn huwa jibqa' isostni illi l-persuna li tatu id-daqqa taht geddumu kien l-imputat. Isostni: "**Is-securities ma nafx x'jisimhom le, imma min tani d-daqqa jiena naf li Stephen Ciangura li qieghed presenti fl-awla. Naf li Stephen Ciangura ghax jiena lil Stephen Ciangura nafu sew.**"[13]

Illi d-difiza tikkontendi illi involut f'dana l-incident kien hemm hu l-imputat, Trevor Ciagnura, li xehed f'dawn il-proceduri, u li dan jixbah hafna lill-imputat. Kwindi jista' jaghti l-kaz illi Brincat seta' tfixkel fil-konfuzjoni tal-mument dwar l-involviment ta' Stephen Ciangura.

Illi maghmula dawn il-kostatazzjonijiet u imnebbah mill-linji gwida Turnbull, l-Qorti tistqarr illi ma tistax tasal ghal certezza morali illi kien l-imputat li fil-fatt ikkaguna l-ferita lill-parti leza. Ibda biex il-Qorti hija kemmxejn perplessa dwar il-fatt illi ghalkemm Brincat jistqarr illi kien jaf lil Stephen Ciangura, jaf li jismu Stephen, gieli rah f'parties ohra, u kien anke jaf li kien jahdem ma' wiehed jismu il-Lupu, madankollu meta jigi mitkellem *a tempo vergine* huwa fl-ebda hin ma jindika illi kien Stephen Ciangura li ikkagunalu il-griehi li sofra minnhom. Illi huwa minnu illi huwa ma tantx seta' jitkellem minhabba li kellu ix-xedaq iffratturat, madanakollu kien kapaci ikellem lil missieru biex jispjegalu x'kien gara, tant illi dan ta'l-ahhar mar jaghmel ir-rapport lill-pulizija u anke kellem lis-surgent De Giovanni. Kien biss wara meta shabu infurmawh illi kien avvicinhom Stephen Ciangura u staqsiehom kif kien baqa' illi huwa beda jindika lill-imputat bhala il-persuna li wegghu. Dana il-fatt ghalhekk seta' influwenzah meta gie biex jaghraf lill-imputat. Inoltre ghalkemm huwa

[12] Ara xhieda ta' Rene Brincat a fol. 29
[13] Ara xhieda ta' Rene Brincat a fol. 111

inizjalment fix-xhieda tieghu ighid illi lill-imputat ma kienx jafu izda gieli rah f'xi parties ohra li attenda ghalihom, in kontro-ezami, imbaghad ighid illi jafu u jafu sew u li jaf sahansitra li hu il-persuna bl-isem ta Stephen Ciangura u dettalji ohra dwaru. Illi ghalhekk hemm dubbju serju dwar l-identifikazzjoni li seta' jaghmel Brincat ta'l-aggressur tieghu iktar u iktar meta jidher illi fil-kollutazzjoni li kien hemm bejnu u bejn il-membri tas-sigurta', fejn kien hemm konfuzzjoni u tgegwigija shiha, kien hemm membri tas-sigurta ohra involuti kollha lebsin l-istess hwejjeg jew uniformi, fejn sahansitra wiehed minnhom kien anke jixbah lill-imputat.

Ghaldaqstant ghalkemm ma hemmx dubbju illi Rene' Brincat sofra griehi ta' natura gravi fix-xedaq ikkagunat minn xi membru tas-sigurta li kien hemm fl-istabbiliment ta' Gianpula, madanakollu l-Qorti ma tistax tasal ghac-certezza morali illi kien proprju l-imputat dak il-membru tas-sigurta' li ikkaguna dawn il-griehi.

Ghalhekk abbazi ta' dawn ir-risultanzi processwali il-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat mill-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------